**Minuti tal-erbgħa u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

L-84 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 11 t' Awwissu 2016. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 - Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews, is-Sur Nicholas Azzopardi u s-Sur Joseph Agius. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

Fin-nuqqas taċ-*Chairperson*, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, ippresieda l-laqgħa.

Il-Viċi-*Chairperson*, f'isem il-Kumitat Amministrattiv St Peter, ta l-kondoljanzi liċ-*Chairperson* għat-telfa ta' missieru.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-83 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Azzopardi li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Ma kienx hemm affarijiet mill-minuti.

Item 4 - Korrispondenza

Inqrat ittra li ntbgħatet flimkien ma' petizzjoni mir-residenti ta' Triq l-Għakrux li talbu sabiex isiru *road humps* fit-triq tagħhom. Is-Sur Farrugia qal li kif esprima ruħu drabi oħra, hu ma kienx jaqbel li l-*parking* fi Triq l-Għakrux isir fuq iż-żewġ naħat tat-triq u qal li minn meta saru dawn il-*parking bays*, is-sistema tat-traffiku f'din it-triq marret għall-agħar. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat qabel unanimament li ssir talba biex isiru *road humps* fit-triq.

Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Clews daħal għal-laqgħa.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Ma kienx hemm xogħol tal-Kumitat.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju April - Ġunju 2016

Ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu April – Ġunju 2016 ġie approvat unanimament mill-Kumitat fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

Item 6 – Affarijiet oħra

Is-Sur Farrugia semma l-possibilità li Triq l-Għakrux issir *one way*.

Is-Sur Azzopardi qal li kien qiegħed isir sewqan eċċessiv f'parti minn Triq l-Għakrux u dan kien qiegħed ta' periklu speċjalment fejn hemm *blind corner*.

Is-Sur Farrugia talab li tiġi rranġata ukoll il-bankina li hemm fi Triq l-Għakrux minn ħdejn in-*notice board* sal-kantuniera tat-triq.

Is-Sur Agius talab li jsir *refresh* tal-marki tat-traffiku fi Triq San Leonardu u Triq il-Marżebb.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-85 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Settembru 2016.

IFFIRMATA

Luciano Farrugia
Viċi-*Chairperson*